IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 29.8.2016
COM(2016) 547 final

2016/0261 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta’ informazzjoni, is-sistema ta’ twissija bikrija u l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda

MEMORANDUM TA’ SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Ir-raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Matul dawn l-aħħar għaxar snin kien hemm żieda enormi f’sustanzi psikoattivi ġodda (SPĠ), fil-livell dinji u fl-Ewropa wkoll, u ma hemmx sinjali li din tista’ tmajna. Fl-2015, ġew irrapportati 100 sustanza ġdida għall-ewwel darba lis-Sistema ta’ Twissija Bikrija (Early Warning System) tal-UE, li jtellgħu l-għadd totali ta’ sustanzi ġodda ssorveljati għal aktar minn 560 – b’aktar minn 380 (70%) minnhom identifikati f’dawn l-aħħar ħames snin biss[1].

L-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti waqt is-Sessjoni Speċjali dwar il-problema dinjija tad-drogi (UNGASS, 19-21 ta’ April 2016) adottat id-dokument ta’ eżitu “L-impenn konġunt tagħna dwar kif nindirizzaw b’mod effettiv u nikkumbattu l-problema dinjija tad-drogi”[2]. Sezzjoni speċifika tittratta dwar l-indirizzar ta’ sfidi u theddid emerġenti u persistenti inklużi s-SPĠ. L-impenn konġunt jitlob it-tisħiħ tal-azzjoni għall-indirizzat tal-isfida tal-SPĠ kif ukoll għat-titjib tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni u netwerks ta’ twissija bikrija.

Fis-17 ta’ Settembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat pakkett ta’ żewġ proposti leġiżlattivi dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda: proposta għal Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda[3] u Direttiva li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta’ Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga[4]. L-għan kien li tonqos id-disponibbiltà ta’ sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskju permezz ta’ azzjoni aktar rapida u effettiva fil-livell tal-Unjoni b’paragun mas-sistema applikata attwalment li hija bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta’ Mejju 2005 dwar l-iskambju ta’ informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda[5].

In-negozjati bejn l-istituzzjonijiet ta’ dan il-pakkett leġiżlattiv ilhom għaddejjin aktar minn sentejn. Il-Parlament Ewropew adotta r-riżoluzzjonijiet leġiżlattivi tiegħu fis-17 ta’ April 2014[6]. Il-Kunsill ma adottax approċċ ġenerali dwar il-proposti; waqt l-eżami tal-proposti l-Istati Membri esprimew dubji dwar l-għażla tal-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) bħala l-bażi legali għar-Regolament propost.

Biex jikseb l-istess għan ta’ azzjoni Ewropea aktar rapida u effettiva dwar l-SPĠ, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (COREPER) fis-6 ta’ April 2016[7] qabel mal-approċċ propost mill-Presidenza Olandiża fid-dokument ta’ diskussjoni tagħha, inklużi l-emendi tal-abbozz tad-Direttiva bbażat fuq l-Artikolu 83 TFUE li b’mod partikolari ser jinkludi definizzjoni ta’ sustanzi psikoattivi ġodda u dispożizzjonijiet dwar teħid ta’ deċiżjonijiet rapidi fil-livell tal-Unjoni sabiex jiġu kriminalizzati s-sustanzi psikoattivi l-ġodda perikolużi fl-Istati Membri kollha. Il-COREPER stieden ukoll lill-Kummissjoni tippreżenta proposta dwar l-emenda tar-Regolament kostituttiv taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA), ir-Regolament1920/2006. Skont ir-Rekord Sommarju tal-2580 laqgħa

[1] Rapport tas-Suq tad-Drogi tal-UE 2016, p. 28.
[2] Riżoluzzjoni tal-Assemblea Ġenerali A/RES/S-30/1.
[3] COM(2013) 619 final.
[4] COM(2013) 618 final.
[5] ĠU L 127, 10.5.2005, p. 32. L-għażliet politiċi differenti ġew analizzati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja liż-żewġ proposti, SWD(2013) 319 final.
[6] Dokument tal-Parlament Ewropew P7_TA(2014)0453.
[7] Rekord sommarju, dokument tal-Kunsill 7908/1/16 REV 1 tas-27 ta’ Mejju 2016.

tal-COREPER, din id-deċiżjoni tagħti bidu għall-iskadenza ta' tliet xhur ta' inklużjoni fakultattiva għall-Istati Membri kkonċernati mill-Protokoll 21 u għandha konsegwenzi taħt il-Protokoll 22 anness għat-TUE. Il-Parlament Ewropew huwa informat dwar din il-bidla permezz ta' ittra mingħand il-Kunsill.

Peress li d-deċiżjoni tal-COREPER għandha l-għan li tikseb l-istess għanijiet proposti mill-pakkett tal-2013, il-Kummissjoni qiegħda tipproponi emendi mmirati tar-Regolament 1920/2006 li jintegraw l-abbozz tad-dispożizzjonijiet dwar is-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju li kienu parti mill-proposta tal-Kummissjoni tal-2013 għal Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda fir-Regolament kostituttiv tal-EMCDDA. Il-Kummissjoni sejra tikkunsidra l-irtirar tal-proposta dwar Regolament dwar sustanzi psikoattivi ġodda fit-tħejjija tal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2017.

Bħal ta' qabilha, il-proposta l-ġdida ser tipprova ssaħħaħ is-sistema ta' twissija bikrija tal-UE u l-valutazzjoni tar-riskju u tissimplifika l-proċeduri sabiex tassigura azzjoni aktar effettiva u rapida. Għaldaqstant, biex jitħaffef il-proċess, l-iskadenzi huma mqassra b'mod sostanzjali meta mqabbla mas-sistema attwali bbażata fuq id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI. Biex tinġabar informazzjoni b'mod rapidu u effettiv dwar is-SPĠ, l-EMCDDA għandu jikkonkludi arranġamenti ta' ħidma mal-Europol, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel mingħajr dewmien żejjed wara l-pubblikazzjoni tar-Regolament f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

Din il-proposta tassigura wkoll il-parteċipazzjoni tal-EUROPOL fis-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju, b'mod partikolari bħala input dwar l-involviment ta' gruppi kriminali fil-manifattura u d-distribuzzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda.

Skont l-Artikolu 23 tar-Regolament 1920/2006, il-Kummissjoni tista' tipproponi, jekk ikun xieraq, u fid-dawl tal-iżviluppi fir-rigward ta' aġenziji regolatorji abbażi tal-evalwazzjoni li jmiss taċ-Ċentru, aktar emendi għar-Regolament kostituttiv tal-EMCDDA.

- **Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-proposta tirrifletti l-prijoritajiet stabbiliti mill-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà[8] adottata fit-28 ta' April 2015. L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tenfasizza li s-suq għad-drogi illegali jibqa' l-aktar suq kriminali dinamiku, bl-aħħar tendenza tkun it-tixrid ta' sustanzi psikoattivi ġodda. Tiddikjara wkoll li l-produzzjoni ta' dawn is-sustanzi qiegħda tiżdied dejjem iżjed fl-Unjoni u għalhekk tisħaq fuq l-urġenza li jiġi adottat qafas leġiżlattiv ġdid.

Din il-proposta għandha tinqara flimkien mad-Direttiva (UE) …/ … [li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi, rigward id-definizzjoni ta' droga[9]]. Iż-żewġ strumenti huma mfassla sabiex jieħdu post il-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

8 COM(2015) 185 final.
9 ĠU L 335, 11.11.2004, p.8.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 168(5) TFUE, li jagħti s-setgħa lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jadotta miżuri dwar il-monitoraġġ, it-twissija bikrija ta' theddid transkonfinali serju għas-saħħa u l-ġlieda kontrih filwaqt li jeskludi kwalunkwe armonizzazzjoni tal-liġijiet u r-regolamenti tal-Istati Membri.

- **Sussidjarjetà**

Hemm bżonn ċar għal azzjoni tal-UE dwar sustanzi psikoattivi ġodda. L-Istati Membri waħedhom ma jistgħux inaqqsu l-problemi kkawżati mit-tixrid ta' sustanzi psikoattivi ġodda. Azzjoni nazzjonali mhux koordinata f'dan il-qasam tista' tipproduċi effetti eliminatorji ħżiena, pereżempju ċ-ċaqliq ta' sustanzi dannużi minn Stat Membru għal ieħor. Il-gruppi kriminali jistgħu jisfruttaw din is-sitwazzjoni.

Għaldaqstant, hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE sabiex ikun żgurat li sustanzi psikoattivi ġodda li jistgħu jkunu ta' periklu, u li joħolqu tħassib fl-UE kollha, ikunu jistgħu jiġu identifikati, ivvalutati u, jekk huma ta' riskju, jiġu inkriminati fl-Istati Membri kollha. Għaldaqstant dan ir-Regolament għandu jinqara flimkien mad-Direttiva (UE) …/ … [li temenda d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi dwar l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u ta' pieni fil-qasam tat-traffikar illeċitu ta' drogi] peress li ż-żewġ atti huma mfassla sabiex jieħdu post il-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija proporzjonata u ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-għanijiet peress li tindirizza biss sustanzi psikoattivi ġodda li huma ta' tħassib fil-livell tal-UE.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta tirrigwarda l-emenda ta' Regolament. Ma hemm ebda indikazzjoni li strument ieħor minflok Regolament ikun xieraq.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Din il-proposta ssegwi ftehim mill-COREPER fis-6 ta' April 2016 dwar approċċ ta' kompromess propost mill-Presidenza Olandiża tal-Kunsill. Fil-laqgħa tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (LIBE) tal-Parlament Ewropew tal-15 ta' Ġunju 2016, ir-Relaturi u l-Kontrorelaturi ħabbru li ddeċidew li jsegwu dan l-approċċ ġdid bħala pakkett u jaħdmu flimkien mal-Kunsill u l-Kummissjonijiet sabiex jaslu għal ftehim. Peress li l-kontenut jirrifletti dan il-ftehim, din il-proposta l-ġdida ma teħtieġx aktar konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni għamlet valutazzjoni tal-impatt ta' alternattivi ta' politika fil-kuntest tal-pakkett ta' żewġ proposti mressqa fis-17 ta' Settembru 2013. Il-valutazzjoni tal-impatt ikkonkludiet b'mod partikolari li l-kwalità u l-kwantità tal-informazzjoni disponibbli fil-livell tal-UE u kondiviża mill-Istati Membri kif ukoll il-kapaċità ta' identifikazzjoni rapida u ta'

valutazzjoni ta' sustanzi psikoattivi ġodda jeħtieġu li jittejbu[10]. Għaldaqstant, mhemmx bżonn ta' valutazzjoni tal-impatt ġdida għal din il-proposta.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-EMCDDA għandu l-kompitu tal-iskambju ta' informazzjoni, is-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda. Is-sussidju għaċ-Ċentru diġà jifforma parti mill-baġit tal-Unjoni.

Madankollu, biex iċ-Ċentru jkun jista' jittratta b'mod adegwat in-numru dejjem akbar ta' talbiet relatati mal-iskambju ta' informazzjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda kif ukoll mal-proċeduri ssimplifikati proposti għas-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju, jeħtieġ li jiżdied ammont totali ta' EUR 676.000 għall-perjodu 2017-2020 għall-iżvilupp tas-sistema u ammont ta' EUR 100.000 fis-sena għall-finanzjament ta' tliet aġenti kuntrattwali oħrajn ikollu jiżdied mal-baġit taċ-Ċentru.

5. ELEMENTI OĦRAJN

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

L-EMCDDA jiġi evalwat fuq bażi regolari skont l-Artikolu 23 tar-Regolament 1920/2006. Skont dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tniedi evalwazzjoni esterna tal-EMCDDA kull sitt snin li tikkoinċidi mat-tlestija ta' żewġ programmi ta' tliet snin taċ-Ċentru.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jipprovdi għall-emendi li ġejjin għar-Regolament 1920/2006:

Punt ġdid (f) fl-Artikolu 2 (Kompiti) – din id-dispożizzjoni tiċċara li l-kompiti tal-EMCDDA huma l-iskambju ta' informazzjoni u t-twissija bikrija dwar sustanzi psikoattivi ġodda kif ukoll il-valutazzjoni tar-riskju. Iċ-Ċentru jissorvelja wkoll is-sustanzi psikoattivi ġodda kollha li ġew irrapportati mill-Istati Membri.

Artikolu 5a ġdid (Skambju ta' informazzjoni, sistema ta' twissija bikrija u valutazzjoni tar-riskju dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda) – din id-dispożizzjoni tistabbilixxi r-rwoli rispettivi tal-Istati Membri, l-EMCDDA u l-Europol fil-proċess tal-iskambju ta' informazzjoni u twissija bikrija dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda.

Artikolu 5b ġdid (Rapport inizjali) – din id-dispożizzjoni tistabbilixxi l-kontenut u l-proċeduri għat-tfassil u t-trażmissjoni mill-EMCDDA ta' rapport inizjali fuq sustanza psikoattiva ġdida. L-Europol, l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel huma assoċjati mal-ġbir tal-informazzjoni għal rapport inizjali.

Artikolu 5c ġdid (Il-proċedura u r-rapportar tal-valutazzjoni tar-riskju) – din id-dispożizzjoni tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni li titlob lill-EMCDDA sabiex jivvaluta r-riskji ta' sustanza psikoattiva ġdida li fuqha jkun tfassal rapport inizjali. Tistabbilixxi l-proċeduri tal-valutazzjoni ta' riskju, li għandha titmexxa mill-Kumitat Xjentifiku tal-EMCDDA u għat-twaqqif ta' trażmissjoni ta' rapport ta' valutazzjoni ta' riskju.

Artikolu 5d ġdid (Esklużjoni mill-valutazzjoni tar-riskju) – din id-dispożizzjoni tispjega dawk iċ-ċirkustanzi li fihom ma għandha ssir ebda valutazzjoni tar-riskju fuq sustanza psikoattiva ġdida.

[10] SWD(2013) 319 final, p. 46-75.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi meta r-Regolament għandu jidħol fis-seħħ.

2016/0261 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1920/2006 rigward l-iskambju ta' informazzjoni, is-sistema ta' twissija bikrija u l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 168(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta li saret mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Is-sustanzi psikoattivi ġodda jistgħu jippreżentaw theddid transkonfinali serju għas-saħħa li jeħtieġ it-titjib tal-monitoraġġ, it-twissija bikrija u l-ġlieda kontra dan it-theddid.

(2) Matul dawn l-aħħar snin, l-Istati Membri nnotifikaw għadd akbar ta' sustanzi psikoattivi ġodda permezz tal-mekkaniżmu għall-iskambju rapidu ta' informazzjoni li ġie stabbilit mill-Azzjoni Konġunta 97/396/ĠAI adottata mill-Kunsill abbażi tal-Artikolu K.3 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' drogi sintetiċi ġodda[3] u li ġiet imsaħħa aktar mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI[4].

(3) Is-sustanzi psikoattivi ġodda li joħolqu riskji soċjali u għas-saħħa madwar l-Unjoni għandhom ikunu indirizzati fil-livell tal-Unjoni. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jinqara flimkien mad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI[5] [kif emendata mid-Direttiva (UE) …/…] peress li ż-żewġ atti huma mfassla sabiex jissostitwixxu l-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

(4) Jeħtieġ li jiddaħħlu dispożizzjonijiet dwar l-iskambju ta' informazzjoni u s-sistema ta' twissija bikrija dwar sustanzi psikoattivi ġodda kif ukoll il-proċedura tal-valutazzjoni

---

1 ĠU C , , p.

2 ĠU C , , p.

3 Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 97/396/ĠAI tas-16 ta' Ġunju 1997 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' drogi sintetiċi ġodda (ĠU L 167, 25.6.1997, p. 1).

4 Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll ta' drogi sintetiċi ġodda (ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32).

5 Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI tal-25 ta' Ottubru 2004 li tistabbilixxi dispożizzjonijiet minimi fuq l-elementi kostitwenti ta' atti kriminali u penalitajiet fil-qasam tat-traffikar ta' droga (ĠU L 335, 11.11.2004, p. 8).

tar-riskju fir-Regolament (KE) 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[6]. B’mod partikolari d-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw it-twissija bikrija dwar is-sustanzi psikoattivi ġodda għandhom jissaħħu u l-proċeduri għat-tfassil ta’ rapport inizjali u għall-organizzazzjoni tal-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju għandhom isiru aktar effiċjenti. Għandhom jiġu stabbiliti skadenzi mqassra b’mod sostanzjali għall-istadji kollha tal-proċedura.

(5) Kwalunkwe azzjoni tal-Unjoni dwar sustanzi psikoattivi ġodda għandha tkun ibbażata fuq evidenza xjentifika.

(6) Wara l-proċedura tal-valutazzjoni tar-riskju, il-Kummissjoni għandha tiddetermina jekk is-sustanzi psikoattivi ġodda għandhomx ikunu inkriminati, f’konformità mal-proċedura pprovduta fid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI [kif emendata mid-Direttiva (UE) …/…]. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-istess jum tat-traspożizzjoni tad-Direttiva peress li ż-żewġ atti huma mfassla sabiex jissostitwixxu l-mekkaniżmu stabbilit mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI.

(7) Ma għandha ssir ebda valutazzjoni tar-riskju fuq sustanza psikoattiva ġdida jekk tkun soġġetta għal valutazzjoni taħt il-liġi internazzjonali, jew jekk tkun sustanza attiva fi prodott mediċinali jew fi prodott mediċinali veterinarju.

(8) Għaldaqstant ir-Regolament (KE) 1920/2006 għandu jkun emendat skont dan.

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi għar-Regolament (KE) Nru 1920/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2 għandu jiżdied il-punt (f) li ġej:

"(f) **L-iskambju ta’ informazzjoni, is-sistema ta’ twissija bikrija u l-valutazzjoni tar-riskju dwar sustanzi psikoattivi ġodda**

(i) il-ġbir, it-tqabbil, l-analiżi u l-valutazzjoni tal-informazzjoni disponibbli mill-Punti Fokali Nazzjonali Reitox u l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol dwar sustanzi psikoattivi ġodda kif definiti fl-Artikolu […] tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2004/757/ĠAI [kif emendata mid-Direttiva (UE) …/…] u l-komunikazzjoni ta’ din l-informazzjoni lill-Punti Fokali Nazzjonali Reitox u lill-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol kif ukoll lill-Kummissjoni mingħajr dewmien bla bżonn;

(ii) it-tfassil ta’ rapport inizjali jew rapport inizjali kkombinat skont l-Artikolu 5b;

[6] Ir-Regolament (KE) Nru 1920/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta’ Diċembru 2006 dwar iċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (ĠU L 376, 27.12.2006, p. 1).

(iii) l-organizzazzjoni tal-proċedura ta' valutazzjoni tar-riskju skont l-Artikoli 5c u 5d;

(iv) il-monitoraġġ, f'kooperazzjoni mal-Europol u bl-appoġġ tal-Punti Fokali Nazzjonali Reitox u l-Unitajiet Nazzjonali tal-Europol, tas-sustanzi psikoattivi ġodda kollha li ġew irrapportati mill-Istati Membri."

(2) Fl-Artikolu 5 (2) it-tieni u t-tielet subparagrafi huma mħassra.

(3) Jiddaħħlu dawn l-Artikoli 5a, 5b, 5c u5d li ġejjin:

"*Artikolu 5a*

L-iskambju ta' informazzjoni u s-sistema ta' twissija bikrija dwar sustanzi psikoattivi ġodda

Kull Stat Membru għandu jiżgura li l-Punti Fokali Nazzjonali Reitox u l-Unità Nazzjonali tal-Europol tiegħu jipprovdu l-informazzjoni disponibbli dwar sustanzi psikoattivi ġodda liċ-Ċentru u lill-Europol fil-waqt u mingħajr dewmien bla bżonn. L-informazzjoni għandha tkun relatata mal-kxif u l-identifikazzjoni, l-użu u t-tendenzi tal-użu, ir-riskji potenzjali u dawk identifikati, il-manifattura, l-estrazzjoni, id-distribuzzjoni, it-traffikar, l-użu kummerċjali kif ukoll dak mediku u xjentifiku ta' dawn is-sustanzi.

Iċ-Ċentru, f'kooperazzjoni mal-Europol, għandu jiġbor, janalizza, jivvaluta u jikkomunika din l-informazzjoni fil-waqt lill-Istati Membri bl-għan li jipprovdi lill-Istati Membri bi kwalunkwe informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' twissija bikrija u sabiex iċ-Ċentru jkun jista' jfassal ir-rapport inizjali jew ir-rapport inizjali kkombinat skont l-Artikolu 5b.

Artikolu 5b

Rapport inizjali

1. Fejn iċ-Ċentru, il-Kummissjoni jew il-Kunsill, waqt li jaġixxu b'maġġoranza sempliċi tal-Istati Membri, jikkunsidraw li l-informazzjoni kondiviża fuq sustanza psikoattiva ġdida miġbura skont l-Artikolu 5a fi Stat Membru jew f'diversi Stati Membri tqajjem tħassib li s-sustanza psikoattiva ġdida tista' toħloq riskji jew għas-saħħa jew għas-soċjetà fil-livell tal-Unjoni, iċ-Ċentru għandu jfassal rapport inizjali dwar is-sustanza psikoattiva ġdida.

2. Ir-rapport inizjali għandu jinkludi:

(a) indikazzjoni inizjali tan-natura jew l-iskala tar-riskji għas-saħħa u għas-soċjetà assoċjati mas-sustanza psikoattiva ġdida;

(b) deskrizzjoni kimika u fiżika tas-sustanza psikoattiva ġdida, il-metodi u l-prekursuri użati għall-manifattura u l-estrazzjoni tagħha;

(c) deskrizzjoni farmakoloġika u tossikoloġika tas-sustanza psikoattiva ġdida;

(d) informazzjoni dwar l-involviment ta’ gruppi kriminali fil-manifattura u d-distribuzzjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida;

(e) informazzjoni dwar l-użu mediku fil-bniedem jew l-użu mediku veterinarju tas-sustanza psikoattiva ġdida, inkluż bħala sustanza attiva fi prodott mediċinali għall-bniedem jew għall-annimali;

(f) informazzjoni dwar jekk is-sustanza psikoattiva ġdida hijiex soġġetta għal xi miżura restrittiva fl-Istati Membri.

(g) informazzjoni dwar jekk is-sustanza psikoattiva ġdida hijiex qiegħda tiġi attwalment ivvalutata, jew jekk ġietx ivvalutata, fis-sistema stabbilita mill-Konvenzjoni Unika tal-1961 dwar id-Drogi Narkotiċi, kif emendata mill-Protokoll tal-1972, jew mill-Konvenzjoni tal-1971 dwar is-Sustanzi Psikotropiċi (sistema tan-Nazzjonijiet Uniti).

3. Għall-finijiet tar-rapport inizjali, iċ-Ċentru għandu juża informazzjoni li diġà jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu.

4. Fejn iqis meħtieġ, iċ-Ċentru għandu jitlob lill-Punti Fokali Nazzjonali Reitox jipprovdu informazzjoni addizzjonali dwar is-sustanza psikoattiva ġdida. Il-Punti Fokali Nazzjonali Reitox għandhom jipprovdu dik l-informazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta taslilhom it-talba.

5. Iċ-Ċentru għandu jitlob lill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini tipprovdi informazzjoni dwar jekk, fl-Unjoni jew fi kwalunkwe Stat Membru, is-sustanza psikoattiva ġdida hijiex:

(a) sustanza attiva fi prodott mediċinali jew prodott mediċinali veterinarju li kiseb il-permess għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq;

(b) sustanza attiva fi prodott mediċinali jew fi prodott mediċinali veterinarju li huwa soġġett għal applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq;

(c) sustanza attiva fi prodott mediċinali jew prodott mediċinali veterinarju li kiseb il-permess għall-kummerċjalizzazzjoni, iżda dan il-permess ġie sospiż mill-awtorità kompetenti;

(d) sustanza attiva fi prodott mediċinali mhux awtorizzat skont l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] jew fi prodott mediċinali veterinarju mħejji estemporanjament minn persuna awtorizzata tagħmel dan taħt il-leġiżlazzjoni nazzjonali skont l-Artikolu 10(1)(c) tad-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8];

(e) sustanza attiva fi provi kliniċi awtorizzati u fi prodotti mediċinali fil-fażi ta’ investigazzjoni skont l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9].

---

7 Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67).

8 Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x’jaqsam ma’ prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1).

9 Id-Direttiva 2001/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' April 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw għall-implimentazzjoni ta' prattika korretta ta' klinika fit-twettiq ta' provi kliniċi fuq prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem (ĠU L 121, 1.5.2001, p. 34).

6. Iċ-Ċentru għandu jitlob lill-Europol jipprovdi informazzjoni dwar l-involviment ta’ gruppi kriminali fil-manifattura u d-distribuzzjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida, u fi kwalunkwe użu tas-sustanza psikoattiva ġdida.

7. Iċ-Ċentru għandu jitlob lill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi u lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel jipprovdu l-informazzjoni u d-dejta li għandhom dwar is-sustanza psikoattiva ġdida.

8. Id-dettalji tal-kooperazzjoni bejn iċ-Ċentru u l-korpi u l-aġenziji msemmijin fil-paragrafi 5, 6 u 7 għandhom jiġu regolati permezz ta’ arranġamenti tax-xogħol. Dawn l-arranġamenti tax-xogħol għandhom ikunu miftiehma skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 20.

9. Iċ-Ċentru għandu jirrispetta l-kundizzjonijiet dwar l-użu tal-informazzjoni, li jiġu kkomunikati liċ-Ċentru, inklużi l-kundizzjonijiet dwar is-sigurtà u l-protezzjoni tal-informazzjoni u tad-dejta dwar informazzjoni kunfidenzjali tan-negozju.

10. Iċ-Ċentru għandu jibgħat ir-rapport inizjali lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fi żmien ħames ġimgħat mit-talbiet ta’ informazzjoni msemmija fil-paragrafi 5, 6 u 7.

11. Meta ċ-Ċentru jiġbor informazzjoni dwar diversi sustanzi psikoattivi ġodda bi struttura kimika simili, dan għandu jibgħat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill rapporti inizjali individwali jew rapporti kkombinati li jittrattaw diversi sustanzi psikoattivi ġodda, diment li l-karatteristiċi ta’ kull sustanza psikoattiva ġdida jkunu identifikati b’mod ċar, fi żmien sitt ġimgħat mit-tnedija tar-rapport inizjali.

Artikolu 5c

Proċedura ta' valutazzjoni ta' riskju u rapport

1. Fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tar-rapport inizjali msemmi fl-Artikolu 5b(10), il-Kummissjoni tista’ titlob liċ-Ċentru jivvaluta r-riskji potenzjali kkawżati mis-sustanza psikoattiva ġdida u li jfassal rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju. Il-valutazzjoni tar-riskju għandha ssir mill-Kumitat Xjentifiku.

2. Fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tar-rapport inizjali kkombinat imsemmi fl-Artikolu 5b(11), il-Kummissjoni tista’ titlob liċ-Ċentru jivvaluta r-riskji potenzjali kkawżati mid-diversi sustanzi psikoattivi ġodda bi struttura kimika simili u jfassal rapport kkombinat dwar il-valutazzjoni tar-riskju. Il-valutazzjoni kkombinata tar-riskju għandha ssir mill-Kumitat Xjentifiku taċ-Ċentru.

3. Ir-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju jew ir-rapport kkombinat dwar il-valutazzjoni tar-riskju għandhom jinkludu:

(a) informazzjoni dwar il-proprjetajiet kimiċi u fiżiċi tas-sustanza psikoattiva ġdida, il-metodi u l-prekursuri użati għall-manifattura jew l-estrazzjoni tagħha;

(b) informazzjoni dwar il-proprjetajiet farmakoloġiċi u tossikoloġiċi tas-sustanza psikoattiva ġdida;

(c) analiżi tar-riskji għas-saħħa assoċjati mas-sustanza psikoattiva ġdida, b’mod partikolari f'dak li jirrigwarda t-tossiċità akuta u kronika tagħha, ir-responsabbiltà tal-abbuż, il-potenzjal ta’ produzzjoni ta’ dipendenza, u l-effetti fiżiċi, mentali u komportamentali tagħha;

(d) analiżi tar-riskji soċjali assoċjati mas-sustanza psikoattiva ġdida, b’mod partikolari l-impatt tagħha fuq il-funzjonament soċjali, l-ordni pubblika u l-attivitajiet kriminali, l-involviment ta’ gruppi kriminali fil-manifattura u d-distribuzzjoni tas-sustanza psikoattiva ġdida;

(e) informazzjoni dwar il-prevalenza u t-tendenzi tal-użu tas-sustanza psikoattiva ġdida, id-disponibbiltà tagħha u l-potenzjal ta’ diffużjoni fi ħdan l-Unjoni;

(f) informazzjoni dwar l-użu kummerċjali u industrijali tas-sustanza psikoattiva ġdida, il-firxa ta’ dan l-użu, kif ukoll l-użu tagħha għal skopijiet ta’ riċerka xjentifika u ta’ żvilupp.

4. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jivvaluta r-riskji li toħloq is-sustanza psikoattiva ġdida jew il-grupp ta’ sustanzi psikoattivi ġodda. Il-Kumitat jista jkun estiż skont il-ħtieġa mid-Direttur, li jaġixxi fuq parir tal-President tal-Kumitat Xjentifiku, billi jinkludi esperti li jirrappreżentaw oqsma xjentifiċi rilevanti biex tkun żgurata valutazzjoni bbilanċjata tar-riskji tas-sustanza psikoattiva ġdida. Id-Direttur għandu jagħżilhom minn lista ta’ esperti. Il-Bord ta’ Tmexxija għandu japprova l-lista ta’ esperti kull tliet snin.

Il-Kummissjoni, iċ-Ċentru, il-Europol u l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini kollha jkollhom id-dritt li jinnominaw żewġ osservaturi.

5. Il-Kumitat Xjentifiku għandu jwettaq il-valutazzjoni tar-riskju abbażi tal-informazzjoni disponibbli u ta’ kwalunkwe evidenza xjentifika rilevanti oħra. Għandu jieħu inkonsiderazzjoni l-opinjonijiet tal-membri tiegħu kollha. Iċ-Ċentru għandu jorganizza l-proċess ta’ valutazzjoni tar-riskju, inkluż l-identifikazzjoni ta’ ħtiġijiet ta’ informazzjoni futuri u studji rilevanti.

6. Iċ-Ċentru għandu jippreżenta r-rapport dwar il-valutazzjoni tar-riskju lill-Kummissjoni fi żmien sitt ġimgħat minn meta jirċievi t-talba mingħand il-Kummissjoni.

7. Fuq talba motivata kif xieraq mingħand iċ-Ċentru, il-Kummissjoni tista’ testendi l-perjodu ta’ tlestija tal-valutazzjoni tar-riskju jew il-valutazzjoni kkombinata tar-riskju biex tippermetti li ssir aktar riċerka u tinġabar aktar dejta. It-talba taċ-Ċentru għandha tinkludi informazzjoni fuq il-perjodu ta’ żmien meħtieġ biex titlesta l-valutazzjoni tar-riskju jew il-valutazzjoni kkombinata tar-riskju.

Artikolu 5d

Esklużjoni mill-valutazzjoni ta' riskju

